MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) BORDIJIET

**ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 106/1998/1

**Carmen Pace, armla ta' Carmelo, Patri Valent Calleja, Calcedonio, Josephine Azzopardi, mart Edward, John, Anthony u Michael, Maria Formosa, mart Anthony, Grace Micallef, mart Charles, u Emmanuela Lee, mart Chris, ilkoll ahwa Calleja, u Caterina Calleja ghal kull interess li jista' jkolla**

**vs**

**Charles Grech**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Settembru, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-
"*Il-Bord,*

*Ra r-rikors ta' l-esponenti:*

*Illi bejn l-esponenti u in-nanna tal-intimat Emanuel Camilleri kien jezisti kuntratt ta' kiri dwar il-fond 2, Triq il-*

*Kungress Marjan, Marsa u dan bil-kera ta' Lm8 fis-sena jithallsu mill-inkwilina kull tlett xhur bil-quddiem.*

*Illi l-intimat qieghed jippretendi illi ghandu titolu validu ta' kera u dan ai termini ta' l-artikolu 2 (b) tal-Kap.69.*

*Illi hemm dritt ghall-esponenti li jkun hemm ir-ripresa tal-pussess tal-istess fond, u dan peress li illi ma huwiex minnu illi l-intimat wiret il-kirja minn ghand nanntu, l-inkwilina originali u dana ghaliex huwa qatt ma kien jabita maghha fil-mument tal-mewt taghha.*

*Ra t-twegiba:*

*Illi l-esponenti kien ilu zmien twil ighix ma' nanntu Emanuela Camilleri, illum mejta, fil-fond 2, Triq il-kungress Marjan, Marsa.*

*Illi l-imsemmija Emanuela Camilleri kienet qeghda tiddetjeni l-imsemmi fond b' titolu ta' kera skond kuntratt li sar bejnha u bejn ir-rikorrenti u dan bil-kera ta' Lm8 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem.*

*Illi ghalhekk l-esponenti wiret il-kirja tal-fond imsemmi minghand nanntu Emanuela Camilleri u dan ia termini ta' l-artikolu 2 (b) tal-Kap.69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tant l-esponenti ghandu l-unur jissottometti ghas- savju u superjuri gjudizzju ta' dan il-Bord.*

*Sema x-xhieda bil-gurament*

*Ra d-dokumenti esebiti*

*Ra l-atti kollha*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet*

*Ra l-verbal tal-19 ta' Gunju 2001*

*Ikkunsidra,*

*1. Ir-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament ta' l-intimat billi dan m' hux kerrej a termini ta' l-art 2 (b) tal-Kap 69.*

*2. L-intimat jallega li meta mietet nanntu, li kienet tikri l-post minghand ir-rikorrenti, hu kien jghix maghha u ghalhekk hu illum, hu l-kerrej skond il-ligi.*

*3. Il-fond in kwistjoni huwa dar ta' abitazzjoni. Skond l-art 2 tal-Kap 69.*

*a. "'kerrej' tfisser wkoll l-armla jew l-armel ta' kerrej basta li r-ragel u l-mara fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej, ma jkunux, legalment jew fil-fatt, mifrudin minn xulxin;*

*b. fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu."*

*4. F' dan il-kaz in-nanna ta' l-intimat Emanuela Camilleri kienet armla. Ghalhekk l-ewwel tifsir ta' kerrej ma 'tghoddx'. Dwar it-tieni li ssemmi 'membri tal-'familja' l-kelma 'familja', skond il-gurisprudenza m' ghandhiex tinghatalha interpretazzjoni stretta u ghanda tikkomprendi dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendi wahda mill-ohra jew min stipiti komuni b' mod li tikkonkludi anki neputi "ex matre" (ara App. Griscti vs Mifsud et 19/5/67; App. Inf. Zammit vs Farrugia, 13/6/53; Schembri vs Dimech 20/10/69; Cuschieri vs Camilleri, 13/6/53;)*

*5. Fuq din il-kwistjoni jidher li l-partijet jaqblu. Izda ma jaqblux jekk l-intimat kienx joqghod jew le ma' nanntu meta din giet nieqsa. Din hi kwistjoni ta' fatt u l-intimat irid jipprova li kien joqghod ma' nanntu meta din mietet. "Din hi l-prova li l-intimat irid jaghmel u m' huwiex sufficjenti illi wiehed imur ghal certu granet forsi jorqod fid-dar ta' l-inkwilin u forsi jkun prezenti ghal matul il-gurnata sabiex jaghti assistenza lill-inkwilin jekk dana jkollu bzonna" (Montebello vs Apap, 27/11/84, App. Inf.)*

*6. Camilleri mietet ghall-habta ta' Jannar 1998 ta' 84 sena. Fl-14 ta' Novembru 1995 l-intimat bidel l-indirizz minn numru 1, blokk W Triq il-Jum, Marsa (kien joqghod*

*ma' ommu) ghal fond in kwistjoni. (ara xhieda ta' Joseph Brincat in rapprezentanza tad-Dipartiment Elettorali a fol 66 u dokumenti minnu ipprezentati.) Fl-1995 l-intimat jghid li mar joqghod fil-fond mikri lil nanntu (fol 31). (Dan il-fond hu aktarx zghir: maghmul minn kamra, kcina, toilet u bitha. (fol 33).) Jghid ukoll li kien jorqod ma' nanntu kuljum barra xi darbtejn fil-gimgha. Gieli kien jorqod ghand ommu u gieli ghand il-hbieb (fol 34-35). Meta zzewweg kien joqghod ma' ommu. Infired minn ma' martu fl-1990.*

*7. Jirrizulta li lil Camilleri kienu jiehdu hsiebha iz-zewg uliedha, x-xhud Maria Mifsud u x-xhud Carmen Grech wahda z-zija u l-ohra omm ir-rikorrent. Il-Bord ma jifhimx kif oht l-intimat Lorraine Busuttil, ghall-kuntrarju ta' ommha, zijitha u l-intimat tghid li huwa 'meta mar ma' nanntu' kien jiehu hsiebha hu, ghax*

*"…….ma kienitx mara li thalliha wahidha, ghax in-nanna kienet truxa. In-nanna kellha bzonn li jkollha lil xi hadd maghhha. Jinqalghalha xi haga bil-lejl jew ihabbtilha xi hadd, hadd ma jista' jiddefendiha."*

*Izzied meta giet mistoqsija kif l-intimat kien jiehu hsieb nanntu*

*"kien jghix maghhha. Kien ikollha bzonn tixtri xi affarijiet, kien imur johdilha, u jaghmel minn kollox maghha. Kien jiehu hsiebha. Hu kien jiehu hsiebha kollox"*

*8. Ir-rikorrenti Grace Micallef tghid li sa fejn taf hi l-intimat dahal fil-fond wara li mietet nanntu (fol 9) Carmelo Gerada prodott mir-rikkorenti li jigi min xi hadd mir-rikorrenti li ghandhom hi mizzewga bintu jghid li meta mar ma' membri tal-familja u ltaqa ma' Maria Mifsud bint ir-rikorrenti, din qaltlu li fil-fond kienet toqghod ohtha, li kienet dejjem tghinha, fil-post ma kien hemm hadd izjed joqghod. Izied*

*"Specifikajnilha jekk kienx hemm xi guvni jew xi ragel illi kien immur spiss jew mhux ta' spiss joqghod hemmhekk u qaltilna, meta semejnilha l-persuna jigifieri qaltilna li dan*

*qatt ma kien jersaq l' hemm. Qaltilna li kellha ohtha li kellha xi cavetta tal-post u li hu kien juzaha ukoll, il-bqija hi qatt ma ratu hemmhekk jigifieri, ma tantx jersaq l' hemm. Dan id-diskors li qalet hi ghax jiena ma nafx x' kien hemm" (fol 20)*

*9. Ir-rikorrenti ressqu ukoll lil Maurice Agius li jaf lill-familja ta' l-intimat sewwa u ilhu hekk jafha ghaz-zmien twil jghid:*

*a. "Wara li mietet ix-xiha, wara tant zmien, rajt tifel minn tat-tifla taghha diehel hemm gew." (fol 24)*

*b. l-intimat dahal fil-post madwar tlett xhur wara l-mewt ta' nanntu. Qabel kien joqghod ma' ommu.*

*c. "Hu (l-intimat) minn dejjem jghix hdejna (id-dar ta' ommu), kien jghix ma' ommu, imbaghad qabad u dahal hemm gew, ghidt ara nahseb hadu hu l-post, ghax il-garage tieghi qieghed hawn u l-post hawn, imbaghad hi, ix-xiha jigifieri ma gembi." (fol 25)*

*10. Il-Bord lil dan ix-xhud li semghu jixhed jemmnu u ser jistrieh fuq ix-xhieda tieghu li hi preciza u dettaljata. Ix-xhieda moghtija mill-intimat, ommu u ohtu hi ta' sura ohra. Ix-xhieda ta' Ramon Guzman (fol 55-58) u ta' Jesmond Bonnici (fol 59-61) hbieb ta' l-intimat u minnu prodotti kienet dwar sajd, insib u kacca. Maria Mifsud, zija ta' l-intimat inqbdet bejn haltejn u tipprova tfarfar ma jmurx tkun responsabbli ta' xi haga (fol 13-15). Hemm diskrepanzi ohra bejn ix-xhieda moghtija minn naha intimata.*

*11. Il-Bord jasal ghall-konkluzzjoni li l-intimat dahal fid-dar ta' nanntu wara li mietet. Fix-xhieda lanqas jaf sewwa meta mietet nanntu. Fic-cirkostanzi, l-bdil ta' indirizz fl-14 ta' Novembru 1995, kien manuvra biex l-intimat jikkapparra l-post (fol 66) kif sewwa jghidu r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u mhux kif jghid l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.*

*12. Fiz-zewg noti ta' sottomissjonijiet issir referenza ghas-sentenza 'Grech et vs Mercieca' dwar trasferiment ta' residenza u l-provi mehtiega dwarha.*

*13. Waqt id-dibattitu fl-Assembleja Legislattiva dwar l-att tal-1929 (illum Kap 69) il-Ministru Parnis dwar it-tifsir tal-kelma kerrej kien fl-ahhar qal hekk dwar djar ta' abitazzjoni:*

*"In altre parole, dietro la discussione che ha avuto luogo in questa camera abbiamo addottato il principio voluto da ogni parte della camera, cioe' che per il caso di abitazione si abbia riguardo alle co-abitazione – chiamandola cosi'-col de cujus……. (seduta nru 11, Tielet Parlament, Raba' Sessjoni; Vol 18, P.642)*

*14. F' dan il-kaz, kif diga ntqal fuq m' hemmx bejn il-partijiet xi kwistjoni 'legali' dwar it-tifsira ta' kerrej. Mix-xhieda mismughha ma jirrizultax dak li jghid l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-fond "kien ir-residenza ta' l-intimat…… ghal bosta zmien ferm qabel ma mietet nanntu." Jirrizulta l-kuntrarju: l-intimat dahal fil-fond wara li mietet nanntu u mhux qabel. L-intimat ma jistax jikkwalifika bhala kerrej skond l-art 2 (b) tal-Kap 69.*

*Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jiehdu lura f' idejhom il-fond 2, Triq il-Kungress Marjan, Marsa; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur m' illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat."*

Mis-sentenza hawn fuq riportata appella l-intimat bl-aggravju li l-provi prodotti kellhom isostnu t-tezi tieghu li hu kien jikkwalifika bhala 'kerrej' tal-fond gja mikri lil nanntu Emanuela Camilleri. Huwa jsostni li kien joqghod b'mod regolari ma' din nanntu u dan minn zmien qabel ma mietet. Jaggungi inoltre illi l-fatt illi xi drabi ma raqadx fil-fond meritu tal-kawza ma kellux ghal daqshekk jitqies li ma kienx joqghod b'mod permanenti fih.

Skond it-tifsira fil-ligi (Kap 69) tal-kelma "kerrej" fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, fejn il-kerrej originali ma jkunx halla

warajh armla jew armel, dan jinkludi dak il-**<u>membru tal-familja li jkun joqghod mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu</u>.**

Fl-interpretazzjoni moghtija mill-gurisprudenza a bazi tad-dritt Ruman, "jus comune" taghna, l-kelma "<u>familja</u>" tikkomprendi dawk kollha kongunti permezz tad-demm u dixxendenti wahda mill-ohra jew minn stipiti komuni (**<u>Vol XXXVII pI p568</u>**'; **<u>Vol XXXVIII pI p231</u>**; "**<u>Thomas Sammut –vs- Salvu Pace et</u>**", Appell Inferjuri, 25 ta' Frar 1986). F'dawn  il-kazijiet si trattava ta' konsegwinei, a kuntrarju ta' dak li kien il-kaz fid-decizjoni a **<u>Vol XLIV pI p460</u>**.  Biex jinghad kollox tezisti gurisprudenza fejn gie sostnut, b'interpretazzjoni wiesgha, illi l-espressjoni membru tal-familja tal-kerrej ma tirrikjedix li l-konsengwinita' hi bilfors u dejjem pre-rekwizit tal-"membership" tal-istess familja ("**<u>Joseph Caruana –vs- Salvatore Pulis</u>**", Appell, Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).  F'dan l-ahhar kaz, il-konvenut gie imrobbi mill-kerrej.

Ghall-mument ghalhekk u 'rebus sic stantibus' in bazi ghal dawn l-enuncjazzjonijiet il-konvenut, qua neputi tan-nanna materna tieghu, jikkwalifika certament bhala membru tal-familja taghha qua inkwilina.  Il-fatt li ma kienx eredi taghha jew kien, kieku stess, ta' minor eta' ma jaffettwax l-istess dritt moghti mil-ligi ("**<u>Giuseppe Mangion –vs- Gio Maria Galea</u>**", Appell, Sede Inferjuri, 6 ta' Gunju 1973). Dan wahdu pero' mhux bizzejjed biex jista' jinghad illi l-konvenut issubentra bi dritt fl-inkwilinat tal-post.  Huwa daqstant iehor indispensabbli li hu jipprova wkoll li effettivament, u skond it-test tal-ligi, kien jghix fil-fond ma' nanntu.  Gie sahansitra ritenut f'dan il-kuntest illi membru tal-familja tal-inkwilin huwa intitolat ikompli fil-lokazzjoni tal-fond mikri anke jekk fid-data tal-mewt tal-inkwilin huwa kien joqghod fil-post wahdu ghax l-inkwilin kien jabita band'ohra – "**<u>Carmelo Debono –vs- Vincenzo Zahra</u>**", Appell, Sede Inferjuri, 20 ta' April 1963.

Apparti r-rizervi li ghandha din il-Qorti dwar din l-ahhar affermazzjoni senjalata fis-sentenza citata, l-kwistjoni jekk verament il-konvenut kienx jabita jew le ma' nanntu hi

wahda ta’ fatt.  Hu proprju fuq dan il-kuntrast bejn il-kontendenti.

Meta l-kwestjoni tkun verament u sempliciment fejn bniedem hu ‘residenti’, id-decizjoni dwarha normalment tkun decizjoni ta’ fatt, li per se tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant min kif ikun apprezza l-provi. Hu ben maghruf illi in materja ta’ apprezzament ta’ provi Qorti tat-tieni istanza di regola ma tindahalx, hlief f’kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi,fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jew Tribunal (**Vol XXVI pi p642**; **Vol XXXVII pI p56**; **Vol XLV pI p47**).

Jigi notat pero’ illi fil-korp ta’ l-appell l-intimat, imqar b’kumment ckejken, ma gharafx jirribatti u jiskossa x-xhieda ta’ Maurice Agius (fol 23 –28), xhud indipendenti li ta l-verzjoni tieghu tal-vera sitwazzjoni u li fuqha preponderentament strah il-Bord.  Invece l-appellant ghal darba ohra dehrlu li kellu jikkampa l-attendibilita’ tal-versjoni tieghu essenzjalment fuq hbiebu u membri tal-familja tieghu.  Huwa minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fl-esperjenza komuni illi jkun mistenni li dawn jaghtu sostenn lilu b’versjonijiet li jabbraccjaw dik tieghu.

Konfrontat b’din is-sitwazzjoni l-Bord ghamel sew illi ghazel, bhala t-test tal-verosimiljanza, li jiffavorixxi x-xhieda estranea, anke jekk din taghti fidi lill-verzjoni tal-appellati.  Din il-Qorti ssib li din hi aktar fededenja u ghalhekk ser takkoljiha hi wkoll.  Jifdal li jigi konsiderat l-aspett legali tar-“residenza”.

Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti sabet li fil-gurisprudenza taghna l-kelma “residenza” giet moghtija sinifikat specjali skond il-kuntest u l-iskop partikolari tal-ligi.

Intqal per ezempju li din mhiex kelma teknika li ghandha sinifikat kostanti, u allura ghal finijiet differenti wiehed jista’ jkollu residenzi differenti fl-istess zmien u, b’riferenza ghal zmenijiet differenti matul perijodu, bniedem jista’ jkollu anki diversi “residenzi ordinarji” (“**John Cachia –vs-**

**Magistrat Dr. Fortunato Mizzi LL.D.,** Appell Civili, 26 ta' Frar 1962).

Gie imbaghad espress fis-sentenza fl-ismijiet "**Saviour Coppini nomine –vs- Joseph Vella Bonnici nomine**", Appell Civili, 8 ta' Frar 1971 illi "*l-kliem "residenza ordinarja" jiddenota residenza f'post b'certu grad ta' kontinwita' apparti assenzi accidentali jew temporanji. Id-durata mhiex kriterju esklussiv u necessarjament determinanti. Hu pero' kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu … In definittiva pero' ebda kriterju wiehed ma hu a priori konklusiv u f'kull kaz iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha*".

Hekk ghamlet il-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza "**Emmanuele Gauci –vs- Paolo Borg**", 14 ta' Dicembru 1964, meta irrikonoxxiet illi ghalkemm il-konvenut kellu post iehor zghir tieghu fejn kienu jabitaw martu u uliedu eppure jekk kien jorqod ma' ommu, inkwilina, flimkien ma' zewg uliedu, din is-sistema ta' hajja, kellha fil-fehma ta' dik il-Qorti titqies bhala 'residenza' ghal finijiet tal-Kap 69, billi sostniet ukoll illi l-bzonn li kellu tal-uzu tal-fond ghall-abitazzjoni baqa' jezisti wara l-mewt ta' ommu.

Atkar importanti u rilevanti ghal kaz taghna hi l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti Civili, Prim'Awla, per Imh. Maurice Caruana Curran, fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor John Agius –vs- Marlene mart Dottor Henry Copperstone et**", 25 ta' Mejju 1966. Fiha gie ipprecizat hekk:-

"*Biex membru tal-familja jista' jitlob b'success il-protezzjoni tal-Kap 109* (illum Kap 69) *ir-residenza tieghu mat-'tenant' ma tridx tkun kazwali, jew saltwarja, jew ghal semplici kumdita' ahjar, jew ta' semplici pjacir, jew ispirata minn dik il-htiega ta' kambjament ta' ambjent li anke taghmel gid ghas-sahha u ghall-mohh, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk ghall-bzonn mhux l-unika residenza tieghu, imma dejjem haga imposta minn necessita`.*"

Mod jew iehor dan il-hsieb gie sostenut u amplifikat fid-decizjoni “**Carmela Grech et –vs- Nazzareno Mercieca**”, 14 ta’ April 2000, citata wkoll mill-appellati fir-Risposta taghhom ta’ l-appell.

Kif gja accennat aktar il-fuq din il-Qorti, bhall-Bord, mhiex konvinta mill-evalwazzjoni tal-provi illi l-intimat kien joqghod ma’ nanntu fiz-zmien tal-mewt taghha. Ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap 69 ma japplikawx ghalih u ma jakkordawlu l-ebda protezzjoni.

Anke fil-kaz tal-kuntest tal-fatt tar-registrazzjoni tieghu bhala votant ghall-finijiet tar-Registru Elettorali din ukoll, kif del resto rikonoxxut mill-istess appellanti, ma taghmilx prova sufficjenti. Dan hu hekk ovvju anke ghaliex kif gie senjalat mill-Qorti ta’ l-Appell “*ir-Registru Elettorali jikkostitwixxi biss prova li trid tigi verifikata, li tista’ tkun korroborattiva u mhux necessarjament u dejjem tkun konklussiva*” – “**Ines Calleja et -vs- Nazzareno Ellul**”, 29 ta’ Novembru 1996.

Ghall-motivi kollha fuq dedotti u dawk l-ohra espressi mill-Bord li Jirregola l-Kera l-appell ta’ l-intimat qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

Dep/Reg